MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 123/2006

**Francis Attard**

**vs**

**Teddy sive Jude Taddeo u Guza sive Josephine konjugi Cachia**

Il-Qorti,

**Il-kawza tittratta dwar jekk servitu ghall-uzu ta’ triq vicinali tinkludix dritt ta’ parkegg ta’ vetturi.**

Permezz ta’ rikors guramentat li gie pprezentat fid-19 ta’ Ottubru 2007, l-attur ippremetta:-

Illi huwa proprjetarju ta’ triq privata msejha Ta’ Luvier, limiti tal-Munxar, Ghawdex skond sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ Jannar 2005 fil-kawza fl-ismijiet Frank Attard vs Anthony Farrugia et (Cit. nru:- 136/1986)

u skond liema l-konvenut ghandu l-proprjeta’ tieghu fronteggjanti l-istess triq u ghandu d-dritt ta’ passagg ossija transitu u xejn aktar.

Illi minkejja dan il-konvenuti qeghdin jingumbraw l-istess triq privata, flimkien ma’ spazju li m’huwiex parti mill-istess triq, ghaliex jigi ‘l gewwa mill-alignment li huwa proprjeta’ tal-attur billi jipparkjaw il-vetturi u jiddepozitaw skart u materjal iehor.

Illi l-attur interpella lill-konvenuti sabiex ma jkomplux f’dan l-agir taghhom izda dawn baqghu inadempjenti tant li kellu jipprezentaw wkoll mandat ta’ inibizzjoni (numru 45/2005) liema mandate gie degretat u milqugh fl-14 ta’ Settembru 2006 u esegwit fis-17 ta’ Settembru 2006.

Talab ghalhekk l-attur sabiex il-Qorti:-

1. Tiddikjara jekk hemm bzonn li triq Ta’ Luvier, limiti tal-Munxar, Ghawdex hija proprjeta’ privata tal-attur.
2. Tiddikjara li l-istess konvenuti bhala proprjetarji ta’ bini fronteggjanti li stess triq ghandu biss dritt ossija servitu’ ta’ transitu u passagg mill-istess triq.
3. Konsegwentement, m’ghandhomx l-istess konvenuti jigu inibiti milli jingumbraw l-istess triq bil-parkegg tal-vetturi, depositi ta’ skart u materjal iehor u b’mod generali, b’kull mezz iehor.
4. Tinibixxi lill-istess konvenuti milli jipparkjaw il-vetturi taghhom jew b’kull mezz iehor jingumbraw l-ispazju privat proprjeta’ tal-attur li jiffronteggja l-istess triq.
5. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kagunati lill-attur minhabba l-agir abbusiv u illegali taghhom.
6. Tillikwida l-ammont ta’ danni sofferti mill-attur.
7. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-istess danni hekk likwidati lill-attur.

Permezz ta’ risposta[1] li giet prezentata fl-24 ta’ Novembru 2006, il-konvenuti eccepew li:-

[1] Fol. 8.

1. In-nullita’ tar-rikors ghaliex fir-rikors guramentat l-attur naqas milli jiddikjara li jaf bil-fatti hemm dikjarati personalment.
2. L-ewwel u t-tieni talbiet huma superfluwi u saru inutilment.
3. Dwar it-tielet u r-raba’ talba, il-konvenuti cahdu li ngumbra b’xi mod l-istess triq bil-parkegg tal-vetturi jew li ddepozitaw xi skart. Kull ma ghamlu kien li pparkjaw vettura taghhom fil-gemb tal-istess triq minghajr ma ostakolaw it-traffiku.
4. Fil-kuntratt datat 29 ta’ April 1981 atti nutar Dr. Emanuel George Cefai kif ukoll kuntratt datat 31 ta’ Ottubru 1987 fl-atti tal-istess nutar, gie ddikjarat li l-fond imiss ***“on the west by a public road which is still in the course of construction”***.

Rat l-atti kollha nkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 45/2006 fl-istess ismijiet u l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Frank Attard vs Anthony Farrugia et** (Cit. nru:-136/1986) deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ Jannar 2005 kif ukoll il-proceduri ta’ ritrattazzjoni li gew decizi fit-28 ta’ Frar 2007 mill-istess Qorti.

Rat il-verbal li sar fl-access fit-28 ta’ Frar 2007 li bih il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Il-fatti rilevanti huma s-segwenti:-

1. Il-konvenuti ghandhom id-dar residenzjali (Dar Cachia) fi Triq Ta’ Luvier, limiti tal-Munxar, Ghawdex. Dan il-fond inbena mill-attur fuq art tieghu u nbiegh fi stadju ta’ kostruzzjoni lill-konjugi Squires permezz ta’ att pubbliku datat 29 ta’ April 1981 fl-atti tan-nutar Dr. Emmanuel George Cefai. Sussegwentement il-konjugi Squires bieghu l-fond lil Anthony Farrugia (missier il-konvenuta) permezz ta’ att pubbliku datat 31 ta’ Ottubru 1987 fl-atti tal-istess nutar. Fiz-zewg kuntratti jinghad li Dar Cachia min-naha tal-punent hija konfinanti mal ***“public road”***, cjoe’ Triq ta’ Luvier.

2. Din it-triq tizbokka ghal fuq it-triq principali Triq Ras il-Bajjada. Triq Ta’ Luvier hija *cul de sac*.
3. Kif setghet tikkonstata l-Qorti fl-access li sar fit-28 ta’ Frar 2007, Triq Ta’ Luvier hija triq wiesgha, imharrbta u f’partijiet minnha miksija bil-konkos. Fuq iz-zewg nahat ta’ din it-triq hemm bini u art li ghadha m’hijiex zviluppata.
4. L-attur qieghed jippretendi li l-konvenuti ghandhom biss dritt ta’ passagg (tranzitu) minn din it-triq.
5. Fl-14 ta’ Settembru 2006 il-Qorti laqghet it-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni (numru 45/2006[2]) u inibit lill-konvenuti milli jipparkjaw il-vetturi taghhom jew b’xi mod jew iehor jingumbraw u jostakolaw spazju li huwa fronteggjanti l-imsemmija triq kif ukoll l-istess triq.
6. Fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2007 il-partijiet qablu fuq dawn il-fatti:-

***“(1) Li din it-triq hija vicinali;***
***(2) nhareg scheme tal-bini fuqha mill-MEPA u li sussegwentement l-attur biegh il-plots fosthom lill-awturi fit-titolu tal-konvenuti;***
***(3) It-triq qatt ma giet asfaltata pero’ ghandha isem ufficjali bl-isem tat-Triq Ta’ Luvier.***
***(4) Qatt ma giet esproprijata mill-Gvern***
***(5) Li r-rih tal-punent fil-kuntratt tat-trasferiment illi l-attur ghamel ma’ John Squires, l-awtur tal-konvenut, gie ddikjarat illi l-faccata tmiss ma’ triq pubblika”***.

7. Il-vertenza hija dwar jekk il-konvenuti ghandhomx id-dritt li jipparkjaw il-vetturi taghhom (JAR 781 u EBD 067) f’din it-triq u porzjon art zghira li tmiss ma’ din l-art u li dwarha m’hemmx kontestazzjoni li hija proprjeta’ tal-attur.
8. Waqt l-access gie osservat li dawn iz-zewg vetturi kienu pparkjati quddiem id-dar tal-konvenuti mal-gemb ta’ Triq ta’ Luvier.

Ikkunsidrat:-

1. Illi permezz ta’ l-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew li:-

[2] Francis Attard vs Teddy sive Jude Taddeo Cachia et.

***"Illi, preliminarjament dan ir-rikors huwa null peress illi m'hemmx imsemmi fl-istess rikors li r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatt personalment, rekwizit intrinsikament essenzjali u necessarju ghal validita' ta' dan ir-rikors promotorju"***.

Huwa minnu li r-rikors guramentat ma fihx dikjarazzjoni espressa li l-attur jaf personalment il-fatti dikjarati fir-rikors promotur. Apparti l-fatt li nullita' ghandha tkun kontemplata espressament mil-ligi, wiehed m'ghandux joqghod jintilef f'hafna formalizmu zejjed li jista' jservi biss biex jitwalu l-proceduri bla bzonn u jsiru iktar spejjez[3]. Minn qari tar-rikors jidher bic-car li l-attur ikkonferma bil-gurament ir-rikors li fih il-fatti li jirrizulta li jaf bihom hu. Il-fatt li l-attu r m'ghamilx dikjarazzjoni espressa li l-fatti jafhom personalment, ma jfissirx li hemm xi nullita' ta' l-att. Dan apparti li ma nholoq l-ebda pregudizzju lill-konvenuti ghal dan il-fatt. Ghalhekk il-Qorti ser tichad din l-eccezzjoni preliminari.

2. Fil-meritu, fil-fehma tal-Qorti m'hemm l-ebda kwistjoni li Triq ta' Luvier infethet fuq art proprjeta' ta' l-attur u li sal-lum ghadha proprjeta' tieghu. Tant hu hekk li b'riferenza ghall-ewwel talba tar-rikors promotur[4], il-konvenuti wiegbu fis-sens li din it-talba hija superfluwa[5]. Id-dritt ta' proprjeta' favur l-attur jirrizulta wkoll mill-atti processwali tal-kawza fl-ismijiet **Frank Attard vs Anthony Farrugia et** (Cit. nru:- 136/1992) deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar 2005 u li l-kontendenti ghamlu riferenza ghaliha f'din il-kawza. Fil-proceduri ta' ritrattazzjoni li gew decizi permezz ta' sentenza moghtija fit-28 ta' Frar 2007, il-Qorti ta' l-Appell regghet ikkonfermat li ***"din it-triq kienet***

---

[3] **Dr Stefan Frendo vs Philip Attard nomine** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-19 ta' Gunju 1989 [LXXIII-V-97] inghad li c-citazzjoni ma ghandhiex tigi dikjarata nulla hlief ghal ragunijiet gravi. **Salvino Busuttil vs Agostino Baldacchino** deciza fit-28 ta' Jannar 1998 mill-Onor Qorti tal-Appell Civili Superjuri [LXXXII-II-30] inghad li hu pacifiku fid-dottrina li n-nullitajiet procedurali ghandhom
jirrizultaw espressament mil-ligi.

[4] *"Tiddikjara jekk hemm bzonn li t-triq ta' Luvier fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex hija proprjeta' privata tal-attur"*.

[5] Fol. 8.

***infethet fuq l-art ta' l-attur u t-talba ghall-ftuh tat-triq saret mill-attur innifsu fuq it-territorju tieghu".*** Mill-provi lanqas ma rrizulta li din it-triq giet akkwistata mill-Gvern[6] jew kienet inkluza bhala oggett fil-kuntratt ta' akkwist tal-konjugi Squires[7]. Il-fatt li fil-kuntratt ta' xiri tal-konjugi Squires (li ghalih kien parti l-attur) seta' nghad li l-proprjeta' in vendita tmiss mill-punent ma' *"public road"* (Triq ta' Luvier) ma jfissirx b'daqshekk li din it-triq saret proprjeta' tal-Gvern. L-irjihat f'kuntratt ta' bejgh jitnizzlu sempliciment ghal finijiet ta' identifikazzjoni ahjar tal-immobbli li jkun qieghed jinbiegh.

3. Illi fis-seduta tat-8 ta' Frar 2007 il-partijiet ivverbalizzaw li qeghdin jaqblu li t-triq in kwistjoni hija wahda **"vicinali"**, igifieri triq li sservi ghall-proprjetarji fronteggjanti u bhala komunikazzjoni mat-toroq principali. L-attur qieghed jargumenta li l-konvenuti ghandhom biss dritt ta' tranzitu, filwaqt li l-konvenuti jsostnu li ghandhom dritt ta' tranzitu u uzu ta' din it-triq. Skond l-attur, dan it-dritt ta' tranzitu ma jinkludix fih id-dritt li tipparkja l-vettura fi triq Ta' Luvier. Hemm gurisprudenza li tghid li fil-kaz ta' triq privata li tkun vicinali, din it-triq hija ***"soggetta ghas-servitu' pubblika ta' transitu u <u>ta' uzu</u>"*** (ara per ezempju sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Nutar Dr. Rosario Frendo Randon vs Onor. Dr. Paolo Boffa ne. et** deciza fl-10 ta' Jannar 1956[8], sentenza fl-ismijiet **Nazzareno Sammut vs I.C.A. Carmelo Micallef** deciza mill-Qorti ta' l-Appell[9] u sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef P. Sciberras fil-kawza fl-ismijiet **Maria Baldacchino vs Edwin Pace** deciza fl-24 ta' Novembru 2004).

---

[6] Artikolu 20 tal-Kodici tal-Pulizija (Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta).
[7] Fil-kuntratt jissemma biss li gie trasferit il-fond u ma jissemmiex illi giet trasferita xi parti mit-triq u ghalhekk ma jistax jinghad li t-triq giet trasferita (ara sentenzi riportati fil-Volum XVIII.ii.134; XXI.i.468 u XXIX.ii.893).
[8] Vol. XXXIX.i.1.
[9] Vol. XLII.I.135 (*"bhala triq vicinali, it-triq in kwistjoni hi suggetta ghas-servitu' pubblika ta' transitu u ta' uzu"*).

4. Fil-fehma tal-Qorti wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, tqies li:-

(a) Is-servitu' ta' passagg ma jistax jigi ristrett bhala wiehed bir-rigel biss ghalkemm l-attur m'huwiex jikkontesta li l-konvenuti ghandhom kull dritt li jidhlu ghal gewwa t-triq bil-vetturi taghhom. Fil-kawza fl-ismijiet **Frank Attard vs Anthony Farrugia et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2005, gie kkonfermat li fir-rigward ta' Triq ta' Luvier, Munxar, Ghawdex inholoq ***"……..invece favur il-komunita' servitu' <u>ghal uzu tat-triq</u>. L-appellat kellu kull dritt juza t-triq in kwistjoni billi jghaddi minnha kemm bir-rigel u anke permezz ta' vetturi, izda ma kellux dritt jiftah id-diversi aperturi li fetah iharsu fuq din it-triq u jaghmel l-isporgenzi msemmija mill-appellant"***[10].

Dak li l-gurisprudenza ssejjah bhala "servitu' ghal uzu" ggib maghha xi haga iktar milli tghaddi biss mit-triq bir-rigel jew b'vettura. Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-konvenuti jidhlu bil-karrozzi taghhom fi Triq ta' Luvier u jipparkjaw il-vetturi taghhom fil-gemb tat-triq, jaqa' fil-parametri ta' uzu. Bir-ragunament tal-attur ikun ifisser li per ezempju, persuna li tghix wahedha f'dar li tinsab f'din it-triq vicinali ma tkunx tista' tidhol bil-vettura taghha ghar-residenza taghha sakemm ma jkollhiex garaxx anness mad-dar. L-istess jinghad jekk residenti f'din ir-triq vicinali jkun qieghed wahdu fil-vettura li jkun qieghed isuq u jrid jaccedi ghall-fond bil-vettura, ma jkunx jista' jidhol bil-vettura. Dan dejjem jekk wiehed kellu jaddotta t-tezi tal-attur li d-dritt ma jinkludix dak li wiehed jipparkja fit-triq in kwistjoni. Dan meta s-sentenza li fuqha qieghed jibbaza t-tezi tieghu l-attur (Qorti tal-Appell moghtija fit-28 ta' Jannar 2005), tikkonferma li d-dritt ta' tranzitu huwa kemm bir-rigel u bil-vetturi. Dan iktar u iktar meta wiehed iqies li Triq ta' Luvier ma tinfidx ghal fuq xi triq ohra. Huwa minnu li fir-rigward tal-estensjoni ta' servitu, l-esercizzju taghha ghandu jkun limitat ghal dak li huwa necessarju ghall-fond dominanti, bl-inqas dannu ghall-fond servjenti. Fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Borg vs Emmanuele sive Lino**

[10] Fol. 57.

**Aquilina et**, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-8 ta’ Novembru 1957[11] gie osservat:- *“Skond il-ligi, kull min ghandu jedd ta’ servitu’ ghandu jinqeda b’dan il-jedd skond it-titolu tieghu; u meta jkun hemm dubju dwar l-estensjoni tas-servitu’, wiehed ghandu jinqeda billi titqies id-destinazzjoni li l-fond dominanti kellu fiz-zmien li giet stabbilita s-servitu’ u l-uzu konvenjenti ta’ dak il-fond, bl-anqas hsara tal-fond serventi”*.

In oltre, fil-kaz odjern din is-servitu’ ma twaqqfitx permezz ta’ xi att kostituttiv. Ghalhekk ghal finijiet ta’ estensjoni ta’ servitu’ hemm il-htiega li jintervjeni l-gudikant, li f’kaz simili ghandu jkun gwidat mill-ekwita’ billi jfittex li jikkoncilja l-akbar vantagg ghall-fond dominanti mal-icken inkomdu ghall-fond servjenti. Fil-fehma tal-Qorti l-interpretazzjoni li qeghda taghti l-Qorti hija dik l-iktar ekwitattiva. Id-dritt ghandu jinkudi dawk l-estensjonijiet li minn zmien ghal zmien jistghu jigu kkunsidrati bhala ragonevoli u li huma permissibbli skond ic-cirkostanzi ta’ kull kaz. Ghal din il-Qorti huwa ragonevoli li min jaghmel uzu minn din it-triq vicinali biex jidhol u johrog mill-proprjeta’ tieghu, hija xi haga ordinarja u ragonevoli li jipparkja l-vettura tieghu fil-gemb tat-triq fl-ezercizzju tas-servitu’ ta’ passagg u uzu.

(b) Meta l-attur originarjament fetah it-triq u biegh id-dar lill-konjugi Squires (kuntratt pubbliku 29 ta’ April 1981), ma setax ma kienx fil-hsieb tieghu li f’dik it-triq kienu ser jigu pparkjati l-vetturi (ta’ l-inqas mill-proprjetarji tad-djar). Jirrizulta li z-zona in kwistjoni kienet originarjament proprjeta’ tal-attur li mbaghad zviluppa l-art u fforma din it-triq vicinali sabiex il-proprjeta’ tieghu jkollha access ghal fuq it-triq pubblika/principali. Fir-realta’ din it-triq giet maghmula sabiex isservi l-bzonnijiet u tkun ta’ servizz ghall-proprjetarji ta’ dawk il-proprjetajiet li l-attur stess bena u biegh lil terzi. Fil-fehma tal-Qorti l-attur ma setax ma kellux din l-intenzjoni meta fforma din it-triq. Tant jidher li l-attur ma kellu l-ebda intenzjoni li jaghmel dawn it-tip ta’ restrizzjonijiet fuq il-proprjetarji u l-utenti tad-djar fi Triq ta’ Luvier (igifieri li ma jkunux jistghu jipparkjaw)

[11] Vol. XLI.i.677.

li fil-kuntratt meta biegh lill-konjugi Squires Triq Ta' Luvier giet deskritta bhala ***"public road"***. Huwa minnu li dikjarazzjoni simili ma sservix biex tittrasferixxi t-titolu ta' proprjeta', pero' wiehed facilment jista' jinterpreta x'kienet l-intenzjoni tal-bejjiegh u minn hawn ukoll wiehed jista' jasal biex jinterpreta l-estensjoni tad-drittijiet li nghataw lill-proprjetarji tal-proprjetajiet li jinsabu fl-imsemmija triq. L-attur fetah it-triq liberament u volontarjament, u ma jirrizultax li xi hadd gieghlu jiftah dan il-passagg, u dan ghamlu ghas-servizz tal-bini li huwa stess zviluppa f'din it-triq.

(c) F'kull kaz il-fatt li l-konvenuti jipparkjaw iz-zewg vetturi taghhom fil-gemb tat-triq quddiem ir-residenza taghhom ma jirrizultax li qed jarreka xi pregudizzju, dannu jew inkonvenjent lill-attur bhala s-sid tat-triq. Dan mehud ukoll in konsiderazzjoni dak li jipprovdi l-Artikolu 470 tal-Kodici Civili (Kap. 16):-***"Meta tigi stabbilita' servitu', jitqies li maghha gie moghti dak kollu li hu mehtieg ghat-tgawdija ta' dik is-servitu bl-anqas hsara li jista' jkun tal-fond serventi……"***. Din il-Qorti ghamlet access fuq il-post u kkonstat dan il-fatt personalment meta rat il-vetturi in kwistjoni pparkjati fil-gemb. Dawn iz-zewg vetturi bl-ebda mod m'huma jaghtu lok ghal xi ostakolu jew ikunu ta' xi pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrent. It-triq hija wiesgha bizzejjed li parkegg ta' zewg vetturi ma johloq l-ebda ostakolu. Ovvjament il-konvenuti jridu jkunu prudenti u attenti li ma jingumbrawx it-tranzitu u uzu ta' din it-triq ghal hadd iehor. B'daqshekk il-Qorti m'hijiex qeghda tghid li l-konvenuti jistghu jaghmlu uzu minn din it-triq kif iridu, in kwantu l-kwistjoni fil-kaz odjern hija ristretta ghall-parkegg taz-zewg vetturi tal-konvenuti fil-gemb ta' Triq ta' Luvier quddiem "Dar Cachia". Certament li din il-Qorti m'hijiex qeghda taghti xi licenzja lill-konvenuti sabiex jezercitaw xi drittijiet ohra li huma iktar attinenti ma' drittijiet ta' koproprjeta', u li jwasslu biex l-attur bhala s-sid tat-triq jigi kostrett jissaporti inkonvenjenzi.

5. Dwar l-ilment li l-konvenuti qeghdin iqieghdu skart fi Triq ta’ Luvier, fil-kors tal-proceduri ma tressqet l-ebda prova ta’ dan. Ovvjament in vista ta’ dak kollu li nghad, lanqas jirrizultaw gustifikati t-talbiet rigward id-danni li l-attur qieghed jitlob permezz tal-hames, is-sitt u s-sebgha talba tar-rikors guramentat. Dwar dak l-ispazju li jmiss ma’ Triq ta’ Luvier, m’hemmx kontestazzjoni li din hija proprjeta’ privata tal-attur u l-konvenuti m’huma jivvantaw l-ebda dritt. Lanqas ma tressqu provi li l-konvenuti qeghdin jaghmlu uzu minn dan l-ispazju.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi:-

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.
2. Ghal kull buon fini qeghda tilqa’ l-ewwel talba tal-attur.
3. B’riferenza ghat-tieni talba tichadha in kwantu l-attur qieghed jippretendi li l-konvenuti ghandhom biss id-dritt li jghaddu minn Triq ta’ Luvier, Munxar, Ghawdex, u dan in kwantu id-dritt li ghandhom il-konvenuti jinkludi wkoll dak ta’ parkegg tal-vetturi taghhom fl-istess triq.
4. Tichad it-tielet talba in vista ta’ dak li gie diga’ deciz dwar parkegg ta’ vetturi, u peress li mill-provi ma rrizultax li l-konvenuti qeghdin jingumbraw it-triq in kwistjoni b’depozitu ta’ skart, materjal iehor u b’xi mezzi ohra.
5. Tilqa’ r-raba’ talba fis-sens li tiddikjara li l-konvenuti m’ghandhom l-ebda dritt li jipparkjaw il-vetturi taghhom jew jingumbraw l-ispazju privat proprjeta’ tal-attur li jiffronteggja Triq ta’ Luvier u ma jifformax parti mill-istess triq u dan in vista tal-fatt ukoll li m’hemm l-ebda kontestazzjoni li dan l-ispazju huwa proprjeta’ ta’ l-attur.
6. Tichad il-hames (5), is-sitt (6) u s-sebgha (7) talbiet.

Bl-ispejjez ta’ l-ewwel eccezzjoni kontra l-konvenuti. Spejjez l-ohra a karigu tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------